MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1021/2003

**Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li jifformaw is-syndicates bin-numri 1245, 510, 727, 994, 990, 183, 807, 570, 1229 u 780 u Rausi Insurance Agency Limited u Emmanuel Micallef**

**Vs**

**Ivan Degiovanni**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm195.71c (mija u hamsa u disghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu) rapprezentanti danni minnu kkawzati fuq il-karozza MAN 102 proprjeta' ta' Emmanuel Micallef, assikurat mill-atturi li huma surrogati fid-drittijiet tieghu, filwaqt li hu ghandu nteress sal-ammont ta' Lm25 (hamsa u ghoxrin lira Maltin) li hu l-excess minnu mhallas, waqt li l-konvenut bi traskuragni u nuqqas ta' tharis ta'

regolamenti tat-traffiku habat gol-karozza msemmija, misjuqa minn Anna Micallef f'San Pawl il-Bahar, nhar is-26 ta' Jannar 2002, waqt li hu kien qed isuq il-karozza FBG 721.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Richard Galea Debono jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------